MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 387/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat mir-rikorrenti bil-gurament li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata CB nee Bonnici permezz ta' cerimonja relizjuza celebrata fil-Knisja ta' l-Isptar San Luqa, nhar il-wiehed u ghoxrn (21) ta' Jannar tas-sena elf disa mija tnejn u tmenin (1982);
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg (2) ulied, E u X, ahwa B, illum it-tnejn maggorenni;
3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat **ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elf disa mija sitta u disghin (1996);**

4. Illi ma hemm ebda pendenza ta’ manteniment bejn ir-rikorrenti u l-intimata;
5. Illi l-esponenti iddiskuta mal-patrocinat tieghu l-possibilita ta’ rikonciljazzjoni ma martu, u ikkonkluda li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi ilhom snin twal separati;
6. Illi fil-fatt ghaddew ferm oltre minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali bejn il-partijiet u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
7. Illi **ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet Ab u CB;**

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu ma Antonella Bartolo mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;
2. Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Awissu, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta’ Frar 1996 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tiddikjara il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------